VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,072, 19 ta' Ottubru, 2018
Taqsima B

A.L. 336 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M. TCM taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 8 (b)(v) tal-Istatut taċ-Ċentru, li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M. TCM - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Traditional Chinese Medicine and Culture – M. TCM - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Mediċina Ċiniża Tradizzjonali, ippubblikati bħala Avviż Legali 86 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti ta' studju fuq bażi *part-time*."

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 krettu ECTS għat-taqsimiet studju mgħallma jew prattiċi, jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *full-time*, jew mhux aktar minn 10 kretti ECTS jekk qegħdin isegwu l-Kors fuq bażi *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu mill-ġdid għall-valutazzjonijiet li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru."

L-Emenda għall-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafi (2) u (3) tal-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors fuq bażi *full-time*, jew matul l-aħħar żewġ semestri tal-Kors fuq bażi *part-time*. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sad-data indikata mill-Bord."